Iz-ziju Dward dejjem kien ħaddiemi u ħabrieki, u qatt ma ġie bżonn ħadd. Dejjem għax ħajja modesta, ma kellux kapriċċi; il-ftit flus żejda li kien ikollu ma kienx jonfoqhom ħlief f'kotba, stampi u bolli.

Ibnu Willie miet ftit xhur ilu.

Inselli għalik,
ROG. CACHIA.

Niżżu ħajr lis-sur Cachia tat-tagħrif li bagħtilna u ta' l-interess li ħa fl-istudju tagħna. Barra l-ġentilezza li biha bagħtilna dat-tagħrif u tana fotografija li minnha stajna nagħmlu l-*cliché* li deher fl-istudju msemmi hawn fuq, inħossu ruħna obbligati wkoll lejn is-sur Cachia għal dil-biċċa tagħrifa oħra li tana bil-fomm fuq mistoqsija li għamilnielu :

"Iz-ziju Dward kien tgħallem l-Ispanjol meta kien hawn il-ħaddiema tal-*breakwater*. Kienu ġew ħaddiema Spanjoli, barra oħrajn Taljani u Sqallin. U hu kien jagħtihom lezzjonijiet ta' l-Ingliż, u minn għand l-Ispanjoli, billi kellu diġà bidu tal-lsien Spanjol, tgħallem sewwa u ipprattika l-Ispanjol".

Nittamaw illi l-qarrejja ta' *Il-Malti* jilqgħu bħalna din iż-żieda u tiswija.

---

## KRONAKA

### Tifkira tal-Ġublew tad-Djamant tas-Saċerdozju ta' Mons. Dun Karm. Psaila, D.Litt.

Fid-19 ta' Mejju li għadda, Mons. Dun Karm. Psaila, il-Poeta Nazzjonali tagħna u President Onorarju tal-Għaqda, stieden lill-ħbieb tiegħu għal quddiesa li qaddes fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor, Tas-Sliema, bħala tifkira ta' Għeluq il-Ħamsin Sena ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħu. F'din l-istedina ta' ferħ kien hemm jirrappreżentaw il-Għaqda: il-Kav. Dr. Ġ. Galea, President, u s-Sur Godfrey Zarb Adami, Segretarju tal-Għaqda.

Aħna wkoll ningħaqdu fil-ferħ ta' din l-okkażjoni hekk sabiħa u nixtiequ lid-Dekan tal-Kittieba Maltin, Dun Karm Psaila, ir-Riżq u l-Barka tas-Sema għas-snin kollha ta' ħajtu.



**KORRISPONDENZA:**

## MALAPROPISMI FIL-MALTI

117, Triq Ridolfo, Sliema.
12 ta' Mejju, 1954.

Sur Editur,

F'"Il-Malti" ta' Marzu li għadda, is-Sur Ġużi Abela wera li, kif jaħsibha hu, il-kelma "Nisrani" ma tfissirx "Kristjan" imma "Kattoliku". Iżda din il-konklużjoni wasal għaliha wara li huwa unifsu stqarr li l-kelma "Nisrani" twieldet fl-istess żmien meta missirijietna tgħammdu minn idejn San Pawl u saru jemmnu *fin-Nasri, fi Kristu* l-Iben t'Alla.

Id-dizzjunarji jqisu l-kelma "Kristjan" bħala dik li tagħżel 'il min jipprofessa l-Fidi ta' Kristu. Id-definizzjoni ta' "Kattoliku" ("*Catholic*") hija "li jmiss lin-nies tad-dinja kollha taż-żminijiet kollha", jiġifieri "universali".

Il-frażi "mhux Nisrani" għal min huwa "*non-Catholic*" hija versjoni maħluqa mill-użu ħażin, jiġifieri mill-Malapropismu li, skond "Id-dizzjunarju Ingliż u Malti" ta' Mons. C. Psaila (Dun Karm) huwa "ħaġa, kelma, eċċ. li tingħad, tingħamel, issir barra minn ħinha, barra minn lokha". L-"*Oxford Dictionary*" isejjaħ il-*Malaprops* (mill-Franċiż *Mal à propos*) "*thing inopportunely (said, done, or happening)*". Id-dizzjunarji l-oħra jaqblu ma' dawn.

"Nisrani" (qabbel "Nazzarenu") tfisser mela "Kristjan" (Kristu), "*Christian*" (*Christ*). "*Non-Catholic*" hija l-istess bħal "Mhux Kattolku". Imma sewwa sew minħabba l-Malapropismu, il-popolin jagħtiha s-sens improprju ta' "Mhux Nisrani" flok "Mhux Kattolku".

Din hija kwistjoni ta' lingwa u mhux ta' Reliġjon, kif għoddu ġiebha l-korrispondent tas-Seminarju Awstraljan.

ALBERT M. CASSOLA.

---